Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Lill-Maġistrat tal-Għassa
Dr Marseann Farrugia

Rikors ta' Norman Vella – K.I. Nru 027977M.

Jesponi bir-rispett:

1. Illi r-rikorrent Norman Vella jaħdem bħala Uffiċċjal tal-Immigrazzjoni stazzjonat fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta;

2. Illi nhar il-Ħadd 27 ta' Ottubru 2013, ir-rikorrent kien xogħol b'*shift* mis-7.00 a.m. sas-7.00 p.m.;

3. Illi nhar il-Ħadd 27 ta' Ottubru 2013 għall-ħabta tas-6:30 p.m., ir-rikorrent ġie arrestat u interrogat minn membri tal-Korp tal-Pulizija fuq suspett li ħa ritratti bil-*mobile* jew apparat ieħor tal-Kap tal-Komunikazzjoni tal-Gvern is-Sur Kurt Farrugia u tal-Kap tal-Komunikazzjoni u *Deputy Chief of Staff* tal-Ministeru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali s-Sinjorina Ramona Attard waqt li dawn it-tnejn kienu f'parti tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, fejn kien xogħol ir-rikorrent;

4. Illi fil-kors tal-arrest u tal-interrogazzjoni tar-rikorrent il-Pulizija, ossia l-Ispettur Maria Stella Attard, ikkonfiskat il-*mobile* tal-marka Samsung li għandu nstallat fih s-*sim card* li magħha hemm abbinata l-linja tal-*mobile* bin-numru 79451967, kif ukoll *tablet* ukoll proprjetà tar-rikorrent;

5. Illi r-rikorrent stqarr mal-Pulizija li hu ma ħa l-ebda ritratt tas-Sinjuri Kurt Farrugia u Ramona Attard u malli ntalab jagħti l-*mobile* tiegħu lill-Pulizija huwa kkollabora u ta aċċess immedjat lill-Ispettur Silvio Magro biex ifittex l-allegati ritratti, liema tfittxija rrizultat fin-negattiv u għalhekk oġġezzjona bil-qawwa kollha li jiġu kkonfiskati l-*mobile* u *tablet* proprjeta' tiegħu;

6. Illi minn dak li ntqal lilu u minn dak li jidher anke fl-istqarrija tal-interrogazzjoni, l-investigazzjoni tal-Pulizija kienet iffukata fuq allegat teħid ta' ritratti mir-rikorrent permezz tal-*mobile*, liema allegazzjoni ma nstabitx veritiera hekk kif l-uffiċjali li mexxew l-interrogazzjoni ngħataw aċċess għad-*data* fotografika li kienet fl-imsemmi apparat u li minnha jidher ċar u mingħajr dubju li l-allegati ritratti ma ttieħdux;

7. Illi minkejja dan, filwaqt li r-rikorrent ġie rilaxxat mingħajr kundizzjoni, il-Pulizija xorta waħda kkonfiskaw il-*mobile* u t-*tablet* proprjetà tiegħu u dan meta huwa ċar u

inekwivoku li l-Pulizija ma kellha l-ebda setgħa taqbad u żżomm il-*mobile* u t-*tablet* proprjetà tar-rikorrent u dan peress li l-Pulizija ma kelliex suspett raġonevoli li r-rikorrent għamel jew ser jagħmel reat bl-użu tal-imsemmija *mobile* u *tablet* proprjetà tiegħu;

8. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-allegat teħid ta' ritratti ma jammontax għal reat penali li dwaru tista' ssir investigazzjoni li tinkludi arrest, interrogazzjoni, konfiska ta' oġġetti u aċċess għal *data* personali u għalhekk ukoll il-Pulizija żammet dawn l-oġġetti fil-pussess tagħha b'mod illegali u abbużiv;

9. Illi in oltre l-Pulizija m'għandha f'idejha l-ebda ritratt li seta' allegatmament ġie meħud mir-rikorrent permezz tal-*mobile* u/jew *tablet* proprjetà tiegħu u għalhekk f'dawn iċ-ċirkostanzi nkluż li ma nstab l-ebda ritratt fuq il-*mobile* u/jew it-*tablet*, il-konfiska ta' dawn l-oġġetti hija fiha nnfisha abbużiva u illegali billi hija konfiska li ma hijiex imsejsa fuq xi suspett raġonevoli ta' għemil penali;

10. Illi l-Artikolu 355T tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi li kull min ikun sid bi dritt ta' oġġett maqbud u miżmum jista', ħlief jekk ikun għadhom pendenti quddiem xi Qrati, proċedimenti kriminali li matulhom l-oġġett maqbud ikun ġie eżebit jew ikun għad irid jiġi eżebit, jagħmel rikors quddiem il-Maġistrat biex jiġi ordnat ir-rilaxx lura għand sidhom tal-oġġetti in kwistjoni;

11. Illi ma jeżistu l-ebda proċedimenti kriminali pendenti quddiem xi qorti fil-konfront tar-rikorrent;

12. Illi l-imsemmija *mobile* u *tablet* diġà ġew eżaminati mill-Pulizija fil-preżenza tar-rikorrent u nstabu li ma jikkontjenux id-*data* suspettata; u

13. Illi però l-istess oġġetti ossia *mobile* u *tablet* jikkontjenu informazzjoni personali u privata dwar ir-rikorrent, il-familja tiegħu kif ukoll terzi persuni li bl-ebda mod m'għandhom x'jaqsmu jew jistgħu ikunu ta' relevanza għall-investigazzjoni tal-Pulizija kif ukoll huma oġġetti li r-rikorrent jagħmel użu minnhom ta' kulljum u li huwa għandu bżonnhom;

Għaldaqstant ir-rikorrent umilment jitlob lil Onorabbli Qorti u b'mod preċiż lill-Onorabbli Maġistrat tal-Għassa jordna r-rilaxx tal-*mobile* u tat-*tablet* proprjetà tar-rikorent u li huma maqbuda u miżmuma mill-Pulizija u okkorendo wara li l-istess Qorti u Maġistrat tal-Għassa jappunta s-smigħ b'urġenza ta' dan ir-rikors u jagħti dawk il-provvedimenti li l-istess Onorabbli Qorti u Maġistrat tal-Għassa jidhirlu xierqa u opportuni ai termini tal-Artikolu 355T tal-Kodiċi Kriminali.

Avv. Therese Comodoni Cachia
58, Triq l-Ifran, Il-Belt Valletta

Avv. Karol Aquilina
88, Triq San Nikola, Is-Siġġiewi